# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 280/2014**

Il-Pulizija

vs

**John Vassallo**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 430373(M)

Illum, 26 ta’ Jannar, 2016.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Vassallo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax xahar ta' Frar 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil martek Lorraine Vassallo u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghal ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghtejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Vassalo minnu  pprezentat fis-27 ta’ Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti u interpretazzjoni hazina ta' l-artikolu tal-Ligi in kwistjoni:

(a) illi l-Ewwel Qorti applikat u tat forza lil digriet li nghata pendente lite moghti mil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), liema digriet kjarament tilef il-forza legali tieghu kollu mal-mument illi l-kawza ta' seprazzjoni ma gietx intavolata fit-terminu ta' xaharejn;

(b) illi l-punt kollu hu jekk id-digriet pendente lite ghad ghandu forza leglai jew le.

Illi bid-dovut rispett, l-esponenti umilment jissottometti illi dan id-dighriet ma kien ghad fadallu ebda forza leglai ghaliex digriet pendente lite m'ghandux hajja li tmur oltre t-terminu ta' xaharejn li stipulat il-Qorti tal-Familja sabiex tigi intavolata l-kawza ta' separazzjoni;

(c) illi dan l-aggravju tant huwa car u manifest illi kieku kien mod iehor ikun hemm possibilita u lok ta' abbuz sfaccat minn persuna li ghal xi raguni jew ohra, tottjeni digriet pendente lite minghajr mal-parti l-ohra jkollha z-zmien u l-opportunita li tipprova tottjeni revoka jew tibdil ta' dak id-digriet imbaghad jew iccedi l-kawza jew tonqos milli tipprezenta l-kawza wara li tinghalaq il-medjazzjoni u b'hekk tinholoq din l-assurdita leglai illi ghalkemm dak id-digriet moghti fil-kors ta' proceduri civili ma jkun ghand ghandu ebda forza jew effett ghal fini tal-ligi civili, fil-kamp penali jkun jista jibqa' jintuza ad eternum ghal fini tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) illi sabiex is-sitwazzjoni tkompli taggrava ruhha, il-parti li fil-konfront taghha jkun inghata d-digriet, ossia l-obbligu ghal hlas ta' manteniment lanqas biss ikollha rimedju sabiex tipprova tottjeni t-thassir jew varjazzjoni ta' tali digriet ghaliex il-proceduri civili, f'kaz ta' digriet pendente lite jew ikunu spiccaw jew inkella f'kaz ta' digriet moghti waqt il-procedura ta' medjazzjoni addirittura lanqas biss ikunu qatt bdew. Naturalment, sitwazzjoni bhal din kieku kellha

tigi accettata kif effettivament giet accettata mil-Ewwel Qorti, tohloq lezjoni ghad-drittijiet fundamentali tal-parti sokkombenti, kif inhu l-appellant odjern;

(e) illi l-kliem u dicitura tal-ligi fl-artikolu 338{z) tal-Kap. 9 'meta hekk ordnat minn xi qorti ... ' ma jistax hlief jigi interpretat fis-sens illi 'meta hekk ordnat minn xi qorti b'digriet illi ghadu validu u effetti.' Kwalsiasi interpretazzjoni differenti ma tkun taghmel ebda sens ghaliex altrimenti -Qrati jkunu qeghdin jaghtu interpretazzjoni tal-ligi li tippresupponi li l-legizlatur ried illi ordnijiet ossia digrieti illi m'ghadx ghandhom ebda validatita u forza ghal finijiet u effetti tal-ligi, xorta wahda jkun applikabbli fil-kamp penali b'lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-parti sokkomebenti. Oltre minn hekk, tali interpretazzjoni tmur kontra l-principju kardinali illi 'quod nullum est nullum habet effectum';

(f) illi in vista ta' dan, l-appellanti qatt ma seta jinstab hati li naqas li jhallas manteniment lil martu;

Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza u tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-appellanti umilment ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha ma sabitux hati ta' l-akkuza dedotta kontrih.

Illi minghajr preguddizju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fedina penali ta' l-appellant, li tista tghid huwa first time offender.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2016 jirrizulta li l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fuq il-meritu u tichad l-appell ta' John Vassallo. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena

karcerarja tillibera lil John Vassallo taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.